## 26 ta' Ġunju, 1950
**Imħallfin :**

**Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D.,** ***Pres.***
**L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.**
**L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, LL.D.**

**Avv. Dr. Antonio Caruana** ***versus*** **Caterina Gerada et.**

**Ritrattazzjoni — Provi Foloz —**
**Art. 814 (j) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Provi foloz, għall-finijiet tar-ritrattazzjoni, huma dawk li dokument jurn bħala veru dak li ma hux veru, bħal fil-każ ta' testimonjanza falza, u mhux kwalunkwe żball ta' fatt jew ta' ġudizzju li jkun ikun inkorra xi wħud jew perit.*

Il-Qorti — Rat is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1949, fejn ġew riportati d-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u fejn ġiet imsemmija d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti tat-23 ta' Mejju 1947 li biha ġiet miċħuda t-talba għar-rikużazzjoni ta' l-Imħallef sedenti f'dik il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-attur, u riportata s-sentenza mogħtija minn dik l-istess Qorti fit-28 ta' Ġunju 1948 bil-motivi premessi għall-istess sentenza, u li biha (jiġifieri b'dik ta' din il-Qorti tas-27 ta' Ġunju 1949) ġew respinti l-erba' motivi tan-nullità ta' l-imsemmija sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-28 ta' Ġunju 1948 bl-ispejjeż kontra l-appellant, u ġie ordnat li l-kawża titkompla fil-meritu;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li l-imsemmija sentenza tat-28 ta' Ġunju 1948 tiġi revokata, billi jiġu milqugħa d-domandi kollha kif proposti fl-att taċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi tnejn huma d-domandi miġjubin biċ-ċitazzjoni: l-ewwel waħda biex fil-konfront tal-konvenuta Caterina Gerada, u għall-finijiet tad-dispost ta' l-art. 814 (j) tal-Proċedura Ċivili jiġu dikjarati foloz il-provi li fuqhom ġiet bażata d-deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti fit-3 ta' Ġunju 1946 fil-kawża fuq imsemmija, li għadha pendenti "sine die", jiġifieri dawk il-provi speċifikatament indikati f'dik l-ewwel domanda; fit-tieni lok ġie mitlub li ż-żewġ konvenuti jiġu inibiti milli jagħmlu użu ta' l-isqaq fl-istess ċitazzjoni msemmi, li għan-

du bieb nru. 70 Strada Sant'Angelo, iż-Żejtun, biex jgħaddu għal pjw mill-fond urban nru. 44 Piazza Maggiore, iż-Żejtun;

Ikkunsidrat;

Illi bis-sentenza fuq imsemmija tat-28 ta' Ġunju 1948, l-Ewwel Qorti rrespinġiet dawk iż-żewġ talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u l-attur appella minn dik is-sentenza, u talab li tiġi revokata billi jiġu milqugħin l-imsemmijin talbiet tiegħu, bl-ispejjeż;

Rigward l-ewwel talba, din il-Qorti ma ssibx raġuni biex titbiegħed mill-konklużjoni li għaliha waslet l-Ewwel Qorti, u tagħmel tagħha r-raġunijiet li fuqhom dik il-konklużjoni ġiet bażata. Jingħad ukoll, b'korroborazzjoni għal dak li ntqal fis-sentenza appellata, li, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru 1932 in re "Caruana vs. Vella", għall-finijiet ta' l-imsemmi art. 814 (j) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, "prova falsa è quella che dolosamente presenta per vero ciò che vero non è, come nel caso di falsa testimonianza, e non qualunque errore di fatto o di giudizio in cui un testimonio od un perito fosse incorso";

Għal daqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ċaħdet l-ewwel domanda miġjuba biċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attur appellant;

U għat-trattazzjoni ulterjuri u definizzjoni tad-domanda l-oħra miġjuba biċ-ċitazzjoni tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tad-9 ta' Ottubru 1950; spejjeż riżervati.

---